REGOLAMENT TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1556

tal-11 ta' Ġunju 2015

li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji għat-trattament tranżizzjonali tal-iskoperturi tal-ekwità skont l-approċċ IRB

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 ([1]) u b'mod partikolari t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 495(3) tiegħu,

Billi:

(1) Huwa neċessarju li jiġu speċifikati l-kundizzjonijiet li skonthom l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeżentaw mit-trattament IRB ċerti kategoriji ta' skoperturi tal-ekwità tal-istituzzjonijiet u tas-sussidjarji tal-istituzzjonijiet fl-UE fl-Istat Membru rispettiv tagħhom fil-31 ta' Diċembru 2007.

(2) Dawk il-kundizzjonijiet għandhom jiġu stipulati b'mod armonizzat b'tali mod li ma jkollhomx effett negattiv sproporzjonat fuq it-tranżizzjoni mingħajr xkiel tas-sistemi legali nazzjonali mir-reġim stabbilit mit-traspożizzjoni tad-Direttiva 2006/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) u speċjalment tal-Artikolu 154(6) tagħha, għar-reġim stabbilit mir-Regolament (UE) Nru 575/2013.

(3) Meta jiġu stipulati dawn il-kundizzjonijiet, għandhom jiġu kkunsidrati, sa fejn ikun possibbli, l-aspettattivi leġittimi tal-istituzzjonijiet li kienu ngħataw l-eżenzjoni taħt ir-reġim ta' qabel, li kienu japplikaw sal-31 ta' Diċembru 2013. Għalhekk, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu jistgħu jagħtu dik l-eżenzjoni lil dawk l-istituzzjonijiet. Istituzzjonijiet oħra ma għandhiex tingħatalhom dik l-eżenzjoni.

(4) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji sottomessi mill-Awtorità Bankarja Ewropea lill-Kummissjoni.

(5) L-Awtorità Bankarja Ewropea wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħin dwar l-istandards tekniċi regolatorji abbozzati li fuqhom huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Kkonċernati Bankarji stabbilit skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]),

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħtu lill-istituzzjonijiet u s-sussidjarji tal-istituzzjonijiet fl-UE eżenzjoni mit-trattament IRB imsemmi fl-Artikolu 495(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, fir-rigward biss ta' dawk il-kategoriji tal-iskoperturi tal-ekwità tagħhom li fil-31 ta' Diċembru 2013 kienu diġà jibbenefikaw minn eżenzjoni mit-trattament IRB.

([1]) ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1.
([2]) Id-Direttiva 2006/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU L 177, 30.6.2006, p. 1).
([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Ġunju 2015.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER